*Minn Ġrajjiet il-Qala*

# X'ĠARA SEWWA FL-1688?

## *Il-Qala saret Parroċċa flimkien ma' Sannat, ix-Xagħra u ż-Żebbuġ.*

## (3)

*Anton Buttigieg P.E.P. iwieġeb lil P. Alex. Bonnici O.F.M. Conv.*

**Fl-aħħar żewġ ħarġiet ta' "Leħen il-Qala" ħassejtni fid-dmir li nikxef u nuri l-falsifikazzjonijiet li Patri Alexander Bonnici O.F.M. Konv. wettaq f'diversi kitbiet tiegħu dwar l-istorja vera u sħiħa tat-twaqqif ta' l-erba' parroċċi ġodda fl-1688, fejn kien imiss lir-raħal tal-Qala. Urejt minn liema dokumenti Bonnici neħħa l-isem tal-Qala u floku daħħal l-isem tan-Nadur, meta n-Nadur ma jidher qatt bħala waħda mill-erba' parroċċi ġodda f'dawk id-dokumenti. Li tieħu l-ġieħ li jmiss lill-Qala biex tagħtih lin-Nadur bħala parroċċa ġdida fl-1688, mhux aġir ta' bniedem li jħobb is-sewwa u jikteb il-verità. Min qara sewwa l-artikli tiegħi f'din ir-rivista u fil-ġurnali lokali matul din is-sena, u mhux anqas il-ktieb tiegħi "Fejn saret il-Parroċċa fl-1688? Fil-Qala jew fin-Nadur?", jaf kif u fejn Patri Bonnici ffalsifika d-dokumenti.**

**Meta ma setax jiddefendi ruħu mill-akkużi li għamiltlu, Bonnici nfexx kontra tiegħi u kontra l-Arċipriet Dun Anton Sultana b'ruxxmata tgħajjir, insulti, u anke gideb kalunjuż. Huwa pprova wkoll ifittex kenn fil-lawrja li għandu u staqsa x'ċertifikati għandi jien fil-qasam storiku. Din il-mistoqsija ġiet ripetuta fl-"Orizzont" tal-5 ta' Settembru li għadda. S'issa għadni ma ħadtx tweġiba għar-risposta li ktibt jien fl-istess ġurnal tas-27 ta' Settembru. Biex il-verità kollha tkompli tiġi difiża u rispettata, se nwieġeb għall-isfidi li saruli u nkompli nagħti provi ċari dwar kif il-Qala saret parroċċa fl-1688, bi tweġiba għall-aħħar artiklu ta' Patri Bonnici li deher fir-rivista "Luminaria" ta' Settembru li għadda.**

### JIEN U L-ISTORJA

Jekk Patri Bonnici u Dun Dumink Camilleri jridu aktar tagħrif dwar l-istudju u l-interess tiegħi fl-istorja, mingħajr ħafna dettalji jew ftaħir żejjed nista' ngħid li meta fl-1933 dħalt fil-kors preparatorju tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni għall-għażla ta' dawk li kellhom jintbagħtu għal studji terzjarji fl-Ingilterra, biex wara jsiru kapijiet fl-iskejjel, mas-suġġetti l-oħra kelli nistudja wkoll l-istorja kontemporanja. Il-marka li ħadt fl-eżamijiet kienet 99/100 Kont ġejt l-ewwel wieħed, u hekk akkwistajt borża ta' studju biex nattendi l-kors f'St. Mary's Training College li hu affiljat ma' l-Università ta' Londra. Hemmhekk ġejt magħżul mill-professur biex nieħu l-istorja bħala



"advanced subject". Studjajt bir-reqqa l-perijodu "Modern European History", u ċ-ċertifikat li akkwistajt fit-"testimonial" tal-principal ta' St. Mary's College fi tmiem il-kors altru li huwa wieħed sodisfaċenti: "Anton Buttigieg is a student of very good ability and during the course his application to study has been highly satisfactory".

Dan qed ngħidu sempliċement għaliex ġejt sfidat pubblikament biex nuri xi studji għamilt fil-qasam storiku. Jekk Patri Bonnici u Dun Duminku Camilleri jridu jaraw b'għajnejhom iċ-ċertifikati jew it-testimonjal li semmejt, nistedinhom jiġu għandi u jibqgħu żguri li nilqagħhom ta' ħbieb u nurihomlhom.

Dwar l-istorja ta' raħal twelidi, ngħidilhom bla biża li studjajtha waħdi fit-tul u fuq il-post għal snin twal. Kixfiet importanti dwar il-qedem tal-Qala għamilthom jien, u fil-ġejjieni qarib se nuri kixfiet oħra ta' siwi storiku dwar il-Qala li nittama li jkunu ta' nteress kemm għal Patri Bonnici kif ukoll għal Dun Dumink... Minn dak li studjajt tgħallimt fost affarijiet oħra li kittieb storiku, qabel jibda'

jikteb, għandu mhux biss ifittex dokumenti dwar is-suġġett li jkun qiegħed jitratta, imma wkoll jimxi fuqhom mingħajr ma jbiddel **xejn** minnhom speċjalment fejn jidħlu dati u ismijiet. Min ibiddel xi ismijiet jew partijiet importanti minn dokumenti, jista' jkollu lawrji kbar mill-aqwa universitajiet!!! Nies bħal dawn jitilfu l-kredibilità u jissejħu falsarji!!!

Mhux se nwieġeb lil min ipprova jinqeda' bil-Bibbja biex ibaxxi lili bil-**Proverbji** li milli jidher bħalissa qed jimmedita fuqhom! Għal dak li Dun Dumink kiteb fl-"Orizzont" (5/9/88), bir-rispett kollu niġbidlu l-attenzjoni għal dak li hemm miktub f'San Mattew, kap 5, v.22. Jalla ma nkunux daqshekk "boloh" li ninġurjaw lil ħaddieħor bil-kliem ta' l-Iskrittura Mqaddsa wkoll!

## AKTAR KANUNATI TA' BONNICI

L-iżball kbir ta' falsifikazzjonijiet imwettqa b'risq in-Nadur minn Patri Bonnici mhux se jitgħatta bit-tgħajjir u bl-insulti personali, anqas u anqas b'żieda ta' gideb jew qerq kontra "xi Buttigieg" jew "xi Sultana"! Fir-rivista parrokkjali tan-Nadur, Il-"Luminaria" ta' Settembru li għadda (pp.10-11), Patri Bonnici reġa' koppi għall-istess metodu nsolenti u tattika Volterjana kontra l-Arċipriet Sultana u kontra tiegħi. Veru qed idejjaq u jdardar lil kull min jaqra t-tweġibiet tiegħu mimlija gideb u kalunji! Kull darba li qed jikteb qed jikkonferma kemm tassew ma baqgħalux triq oħra x'jagħżel!

Nibda' bl-ittra li qal li kont bgħattlu fl-20 ta' Marzu 1988. Biex jipprova joskurani, wara sitt xhur ħareġ igħid li din kienet "ittra inġurjuża li fiha attakkani fuq affarijiet privati u ta' kuxjenza". Jekk Bonnici jrid jipprova dak li qal, ħaġa waħda biss għandu jagħmel: jippublika l-ittra tiegħi **sħiħa**, bla mittiefsa mill-iċken virgola, fil-ħarġa tal-"Luminaria" li jmiss. Nisfidah jagħmel hekk biex dawk li qraw din l-akkuża falza tiegħu, isiru jafu min hu tassew inġurjuż u skandaluż!

Biex jurina kemm hu kittieb tajjeb fl-istorja ta' żmien l-Inkiżizzjoni, Patri Bonnici m'għandux għalfejn jipprova joħloq xi eżempju ta' inkwiżitur fil-persuna tiegħi jew ta' l-Arċipriet Sultana! U kif qal hu stess, lanqas fil-Provinċjal tiegħu li għoġbu jiġi **hu stess** fil-Qala flimkien mal-General ta' l-Ordni tagħhom, biex jaraw il-Knisja Arċipretali tagħna. Xtaqna li magħhom kien hemm ukoll Patri Bonnici.... imma dan fil-knejjes tal-Qala ma jidħolx! Il-Provinċjal ġie l-Qala **minn jeddu**, u niżgura lil Patri Bonnici li la l-Arċipriet u lanqas jien ma morna għandu jew bgħatna għalih. Imma jekk Bonnici ħaqqu tbeżbiża għat-tbagħbis tiegħu fl-istorja dwar il-Qala u n-Nadur, m'għandux jipprova jeħlisha b'aktar gideb! **Mhu veru xejn** li "L-Provinċjal ipproponielu (lill-Arċipriet Sultana) biex jiltaqa' miegħi (ma' Patri Bonnici) ħalli niddiskutu l-każ flimkien". Aktar u aktar **mhux veru** li l-Arċipriet Sultana sabha diffiċli u ma aċċettax! Is-sabiħa hi li barra milli jaf jigdeb hu, Patri Bonnici qed igiddeb ukoll lill-Provinċjal tiegħu! Baqgħalux fejn jasal?!

Fl-istess "Luminaria" Bonnici kiteb ukoll li "Anton Buttigieg u l-Arċipriet Dun Anton Sultana ma fadlilhom f'idejhom l-ebda argument biex juru l-anzjanità (!) tal-parroċċa tagħhom". Patri Bonnici kien kapaċi jgħid hekk lin-nies tan-Nadur, għax ħafna minn dawn żgur li ma qrawx l-artikli tagħna t-tnejn fl-aħħar żewġ ħarġiet ta' "Leħen il-Qala". In-Nadurin li qrawhom nafu li kkonfondew ħafna, għax l-argument tagħna kien dejjem wieħed ibbażat fuq is-sisien sodi tad-dokumentazzjoni **ġenwina** (mhux miżinterpretata!) li Patri Bonnici jibża' jikkwota kelma b'kelma! L-Isqof Cocco Palmeri fid-dokumenti tiegħu **dejjem qal li l-parroċċa ġdida kienet "Santa Maria della Cala" u fil-kontrada "tal-Qala", anzi "casalis Calae".... u mhux fin-Nadur jew għan-Nadur!**

## AKTAR DWAR ID-DOKUMENTI ORIĠINALI

Għal darb'oħra Patri Bonnici reġa' sostna li "Buttigieg u Sultana għadhom qatt ma raw id-dokumenti oriġinali". Nistaqsi: Kif jista' Bonnici jkompli jsostni dan l-argument bla sens jekk tassew qara' l-ktieb tiegħi u l-aħħar żewġ ħarġiet ta' "Leħen il-Qala"? L-Arċipriet innifsu għal darba darbtejn stiednu pubblikament biex jiġi sa' l-Uffiċċju Parrokkjali tagħna u jara b'għajnejh il-kopji foto statiċi tad-dokumenti **kollha** (ara "In-Nazzjon Tagħna" 26/4/88 p.13 u "Leħen il-Qala" Awissu 1988, p.27). Altru li l-Arċipriet ma jsibhiex diffiċli u li ma jaċċettax li jiltaqa' ma' Patri Bonnici! Wisq nibża' li Patri Bonnici dejjem jitlob li Alla jeħilsu minna....

Waqt li qed nikteb, quddiemi għandi l-kopji foto-statiċi tad-dokumenti kollha li xbajt nikkwotalu anke "verbatim", kelma b'kelma skond l-oriġinal. U biex aktar naċċertah li sejjer żball meta jaħseb li aħna "qatt ma rajna d-dokumenti oriġinali", se jkolli nitlob lill-Editur tar-rivista biex jirriproduċi aktar ritratti tagħhom ma' dan l-artiklu. U kieku Patri Bonnici kellu jiġi jara l-Wirja dwar il-Qala li tellajna fil-jiem tal-festa tagħna f'Awissu li għadda, kien jilmaħ mifruxin fuq mejda fin-nofs dawn il-fotokopji tad-dokumenti, bħal ma rawhom u setgħu jeżaminawhom in-nies kollha li daħlu jaraw dik il-Wirja. Dawn huma l-fatti! U mhux argumenti stupidi biex tipprova tieħu raġun fejn m'għandekx!



*Silta mill-introduzzjoni tad-dokument ta' l-4 ta' Mejju 1687 dwar l-Ewwel Viżta Pastorali ta' l-Isqof Cocco Palmeri l-jum t a' qabel.*
*A.A.M., Visit.23, ff.601-603*

Nerġa' nfakkar il-qarrejja tagħna liema huma dawn id-dokumenti storiċi u'x'inhi s-sustanza tagħhom:

**(1) Id-dokument ta' l-4 ta' Mejju 1687**

Ħawn jissemmew erba' rħula magħżulin biex isiru parroċċi: Żebbuġ, Xagħra, Sannat, u Qala. In-Nadur ma jissemma **mkien f'dan id-dokument. Meta Bonnici kiteb dwaru fl-"Għid ta' l-Assunta" ta' l-1982, neħħa l-isem tal-"Qala" u floku daħħal dak tan-"Nadur".**

**(2) Id-dokument tat-12 ta' Mejju 1687**

Fih il-Qala tissemma l-ewwel waħda bħala r-raħal magħżul fejn se titwaqqaf parroċċa ġdida, flimkien ma' tlieta oħra li huma: Sannat, Xagħra u Żebbuġ.

**(3) Id-dokument tat-13 ta' Jannar 1688**

F'dan ukoll il-Qala tissemma l-ewwel waħda bħala r-raħal magħżul fejn se titwaqqaf parroċċa ġdida, u għal darb'oħra ma jissemma xejn dwar in-Nadur.

**(4) Id-digriet tat-28 ta' April 1688**

L-Isqof Cocco Palmeri jwaqqaf il-parroċċi ta' Sannat, tax-Xagħra, tal-Qala, u taż-Żebbuġ. F'dan id-dokument l-erba' parroċċi jissemmew madwar tnax il-darba, dejjem fl-istess ordni, bil-Qala dejjem fit-tielet post. Isem in-Nadur **qatt** ma jissemma mat-tlieta l-oħra, la għalih waħdu u lanqas minflok il-Qala. Jissemma biss f'konnessjoni mal-parroċċa ġdida tal-Qala, bħala "spazju pubbliku" li fuqu **għandha tinbena'** knisja parrokkjali ġdida. Imma isem il-parroċċa huwa dejjem l-istess: "Santa Marija tal-Qala". U l-limiti ta' din il-parroċċa jagħlaq b'dan il-kliem ċar daqs il-kristall: "...comprendendosi in questo ristretto **la suddetta contrada della Cala** con **sue pertinenze,** cioe' **Nadur,** Comino e Ramla". Patri Bonnici għal diversi drabi ffalsifika dan id-dokument, fil-ktieb tiegħu "In-Nadur" Vol.1, p.116, meta neħħa l-isem tal-Qala u floku daħħal l-isem tan-Nadur, kif ukoll fil-ġurnal lokali u rivisti matul din is-sena kull meta daħħal in-Nadur mat-tlieta l-oħra minflok il-Qala.

**(5) Il-kuntratt notarili ta' Dorbes tat-28 ta' April 1688**

Dan huwa xorta waħda fil-qofol tiegħu bħal dak ta' qablu, anke jekk ma jsemmix kull ma hemm fid-digriet. Ħafna mis-sentenzi fih huma kelma b'kelma bħad-digriet ta' l-Isqof. U dak li għedt għal Bonnici dwar falsifikazzjonijiet tad-digriet, nirripetih hawn ukoll għal kull darba li kkwota u ffalsifika isem il-Qala minn fuq l-att notarili ta' Dorbes.

**(6) Id-dokument tat-18 ta' Settembru 1688**

F'dan id-dokument l-Isqof Cocco Palmeri jitlob il-konferma ta' Ruma fuq l-erba' parroċċi ġodda mwaqqfa bid-digriet tat-28 ta' April. Anke hawn il-Qala tissemma bħala waħda mill-erba' parroċċi. In-Nadur ma jissemma mkien. Fih hemm ukoll l-approvazzjoni minn Ruma għall-istess erba' parroċċi ġodda msemmija, bid-data tal-5 ta' Marzu 1689. Patri Bonnici ppubblika dan id-dokument sħiħ fil-ktieb tiegħu "Il-Matriċi..." (1975), Addenda E, pp. 118-120, u dak inhar kien ammetta li "Sannat, ix-Xagħra, il-Qala, u ż-Żebbuġ jinqatgħu parroċċi għal rashom". Ħames snin wara (fil-"Gozo Primary Schools Magazine" 1980) Bonnici ffalsifika dan id-dokument f'artiklu li kiteb u li fih bidel isem il-Qala ma' dak tan-Nadur.



*Żewġ siltiet mid-dokument tat-12 ta' Mejju 1687 dwar it-twaqqif ta' erba' parroċċi ġodda f'Għawdex. (Gozo Library, MS 302 Suppliche, ff.73-74)*



*Silta mid-dokument notarili tat-13 ta' Jannar 1688 dwar l-erba' parroċċi ġodda f'Għawdex. N.A.V. 792/10, ff. 1-2*



*Żewġ siltiet importanti mid-Digriet ta' l-Isqof D. Cocco Palmeri fit-28 ta' April 1688, dwar it-twaqqif tal-parroċċa ġdida "Sta Marija de la Cala", il-ħatra t al-kappillan/rettur Dun Bernard Haber u l-limiti tal-parroċċa. A.A.M./RCB, ff. 6r-6v, u 14r-16r.*





*Żewġ siltiet mill-att notarili ta' Giov B. Dorbes fit-28 ta' April 1688 dwar it-twaqqif tal-parroċċa "S. Maria de la Cala" u deskrizzjoni sħiħa tal-limiti tagħha. Innota l-aħħar sentenza. (N.A.V. 792/10, ff.10-11)*

E

**SANNAT, IX-XAGĦRA, IL-QALA, U Ż-ŻEBBUĠ JINQATGĦU PARROĊĊI GĦAL RASHOM: WAQT LI SAN ĠORĠ TIBQA' PARROĊĊA IMMA MMEXXIJA MILL-ARĊIPRIET TAL-MATRIĊI TA' L-ASSUNTA**

A.C.M. 23, ff. 12v.-13v.

**Melivetana Erectionis Parrochialium et Unionis**

Sacra Apostolorum limina visitans, Episcopus, inter caetera, refert quod Insula Gaudisii visitando, reperiit habitationes longe lateque dispersas esse, et praesertim in quatuor regionibus: S. Margaritae del Sannat, S. Antonii della Caccia, S. Mariae della Cala, et S. Mariae Virtutum nuncupatae: usque ad quattuor milliaria et ultra distare a Matrice Collegiata dictae Insulae cuius Archipresbyteri subsunt.

Comperiit, e contra, Parrochialem Ecclesiam S. Georgii nuncupatam del Borgo esse nimis contiguam dictae Ecclesiae Collegiatae et Archiparochiali, et ex hac propinquitate frequentes contentiones inter Archipresbyterum et Parocum praefatos exoriri.

---

An nova erectio dictarum quattuor Parrochialium, et respective unio Ecclesiae Parrochialis Sancti Georgii Collegiatae et Archipresbyterali Ecclesiae Insulae Gaudisii sit confirmanda?

Die 5 Martii 1689, Sacra Congregatio Eminentissimorum Sanctae Romanae Ecclesiae Cardinalium

*Żewġ siltiet mid-dokument tat-18 ta' Settembru 1688 (A.C.M.23, ff.12v.-13v.) dwar konferma għall-parroċċi ġodda minn Ruma, kif rapportati u ppublikati minn p. Alex. Bonnici fil-ktieb tiegħu "Il-Matriċi ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi f'Għawdex" (1975), pp.118-119.*
*Ara wkoll l-oriġinal: A.A.M. Litt.et Dec. (1684-1711) Tom.IV ff. 73-74v, 05/03/1689.*

*Visitatio Parochialis Ecclesiae sub titulo Beatae Mariae Virginis Casalis Cala.*
*Die Dominica infra octava Ascensionis Dni Nri Jesu Xti Undicesima Maj 1698. .....*
*"se contulit ad Ecclesiam sub indicatione B.M.V. Casalis Cala quattuor miliaria circiter a capo huius insulae distantem*
*Undm ex quattuor noviter attenta necessitate Ill. et Rev Epis. in antecedente visitatione scriptura recognita, in Parochialibus erectis vigore decreti die 28 Aprilis 1688.*
*Approbati per Sagra Cong. Concilii die 5 Martii 1689*

***Rapport mill-Viżta Pastorali mill-Vigarju Ġenerali Mons. Manso fil-11 ta' Mejju 1698, kif riprodott minn Anton Buttigieg P.E.P. fil-ktieb tiegħu "Fejn saret il-Parroċċa fl-1688" (1988) p. 63***
***L-Oriġinal: A.A.M., Visit. 25, ff. 547 v-550r***

**(7) Il-Viżti Pastorali tas-sena 1698 u tas-sena 1699**

L-ewwel viżta saret minn Mons. Manso f'isem l-Isqof Cocco Palmeri fil-11 ta' Mejju 1698 lill-"Knisja Parrokkjali taħt it-titlu tal-Beata Verġni Marija tar-raħal tal-Qala". Kontra dak li qal Bonnici, f'dan id-dokument importanti għaxar snin wara t-twaqqif tal-parroċċa, isem il-Qala (u qatt in-Nadur) ġie kkonfermat għal diversi drabi (ara "Leħen il-Qala" Mejju 1988, p.15). It-tieni viżta saret mill-Isqof Cocco Palmeri nnifsu fis-sena ta' wara, jiġifieri fis-26 ta' Ottubru 1699. Anke hawn għandna provi ċari li l-knisja parrokkjali hija "tal-Qala" (ara "Fejn saret il-Parroċċa? Fil-Qala jew fin-Nadur", ktejjeb tiegħi, Jannar 1988, pp.38-42).

F'dawn it-tmien dokumenti hemm il-pedament ta' l-istorja **sħiħa** u ġenwina tat-twaqqif tal-Parroċċa tal-Qala fl-1688, u kull min għawweġ il-verità billi neħħa l-isem tal-Qala u floku daħħal dak tan-Nadur għad jibqa' jiġi magħruf bħala diżonest u giddieb.

## KITTIEBA STORIĊI TA' L-IMGĦODDI

Kontra l-akkużi ta' falsifikazzjonijiet li sarulu, Patri Bonnici pprova jfittex kenn fil-"kittieba storiċi ta' l-imgħoddi" (ara il-"Luminaria", Settembru 1988, p.10). Neżaminaw daqsxejn lil min u x'ikkwota mill-istoriċi li semma':

**(1) Patri Pelaġju, Kapuċċin**

Ikkwotalu sentenza li tgħid: "Dello stato temporale e spirituale del Casale Nadur e di sua Parrocchiale Chiesa" (ACM, 55, ff.151r, u 154r). Nesa Patri Bonnici dak li hu stess kien qal, li din "mhix ħlief kitba... miktuba fuq 60 sena wara d-digriet ta' Cocco Palmeri" ("In-Nazzjon" 12/4/88 p.12). Dak li kkwota Bonnici minn Patri Pelaġju la jaqbel mad-digriet ta' l-Isqof Cocco Palmeri u lanqas mal-att notarili ta' Dorbes. Aktar u aktar meta tikkonsidra l-fatt li Patri Pelaġju kiteb **snin wara** li kien sar it-trasferiment tal-parroċċa għall-knisja l-ġdida fin-Nadur. Imma **fl-1688** u għal xi ħmistax il-sena wara, in-Nadur jissemma fil-parti tal-parroċċa tal-Qala u fil-"partinenza" tal-Qala, kemm skond id-digriet kif ukoll l-att notarili tat-28 ta' April 1688. Għalhekk, l-ewwel kenn ta' Bonnici jiġġarraf!

**(2) Agius De Soldanis**

Minn dan l-istoriku Għawdxi, li għalih darba Bonnici kien kiteb li ma tantx tista' torbot fuqu (ara "Il-Matriċi Kolleġġjata...." (1975) p.13), issa kkwota sentenza a favur tiegħu: "...ch'il Vescovo Cocco divise detta del Nadur nell'anno stesso 1688". Jekk Bonnici fl-1975 "tmeżmeż" minn De Soldanis u stqarr li "naħsbuha darbtejn qabel ma noqogħdu fuq il-kelma tiegħu", għax qal li "ħeba xi biċċa mill-verità biex igħatti s-sewwa tal-fatti", messu Bonnici reġa' **tmeżmeż** fl-1988 meta seta' jara li De Soldanis neħħa l-isem tal-Qala fil-limiti tal-parroċċa u floku daħħal in-Nadur. Eżatt bħal m'għamel Patri Bonnici nnifsu! Imma dan ssolutament ma jaqbilx ma dak li ħallew miktub Cocco Palmeri nnifsu u n-nutar Dorbes! U allura Bonnici aħjar ikompli **jitmeżmeż u** jaħsibha **darbtejn** qabel jikkwota lil De Soldanis! Ma tantx hu ħajt tal-kenn sod, skond kliemu stess!

### (3) Il-Konti Ġann-Anton Ciantar

Fit-tielet post Bonnici semma lill-Konti Ciantar u kkwota minnu silta li fiha, jinnota Bonnici, in-Nadur jissejjaħ "villaggio" waqt li l-Qala "contrada". Ara kieku Patri Bonnici ftakar x'hemm miktub fid-digriet ta' l-Isqof u fl-att notarili ta' Dorbes dwar in-Nadur ("spazio publico"), ma kienx ikollu għalfejn jirrikorri għand Ciantar dwar is-sitwazzjoni geografika u soċjali fl-1688... Għax kif uriena Bonnici nnifsu, il-Konti Ciantar flimkien ma' Gan Franġisk Abela kiteb dak li kiteb **kważi mitt sena wara** t-twaqqif tal-parroċċa, fil-"Malta Illustrata" tal-1780, biex igħidilna x'kien ġara mingħajr ma kkwota eżatt u kelma b'kelma ż-żewġ dokumenti msemmija. Barra minn hekk, id-dokument ta' l-4 ta' Mejju 1687 lanqas isemmi mqar darba waħda biss il-kelma "Nadur" Imma l-aqwa risposta għal dak li Bonnici kkwota minn Ciantar, qegħda fis-sentenza mmortali tad-digriet u l-att notarili tat-28 t'April 1688, fejn jissemmew il-limiti tal-parroċċa ġdida: "... comprendendosi in questo ristertto la suddetta contrada **tal Cala con sue pertinenze,** cioe' Nadur, Comino e Ramla"! Sentenza li Bonnici ma jikkwota **qatt** "word to word"... għax jibża' minnha daqs il-bard ta' Bona!

F'din ir-rassenja ta' kittieba ta' l-imgħoddi, Bonnici naqas li jsemmi lil Achille Ferris. Nistaqsi: Għaliex ħalih barra? Tgħid għaliex Ferris kien daħħal isem in-Nadur flok dak tal-Qala (bħal m'għamel Bonnici) fid-dokument ta' l-4 ta' Mejju 1687? Jew għaliex beża' jikkwota u jsemmi lil "Ferris" għax ftakar li ftit ilu kien attakkani fil-ktejjeb fit-titlu falz li ħareġ, meta qal li jien mank isem "Ferris" ma naf nikteb, għax ried ikun "Ferres"! Tgħid min kellu raġun?! Bonnici jaf sew... imma ma kienx jaqbillu li dan id-darba jurinili kelli raġun billi jsemmi lil "Ferris"... Jiftaħar tant bil-korrezzjonijiet li jagħmel minn żmien għal żmien,. imma ma kellux kuraġġ jikkoreġi ruħu fuq isem "Ferris"... aħseb u ara fuq żbalji aktar ħoxnin b'dokumentazzjoni ffalsifikata!

## AKTAR DWAR IL-KAPPILLAN HABER

Ngħiduha kif inhi: kien dwar il-kappillan Dun Bernard Haber li Bonnici u jien bdejna polemika fl-1979 (ara "Il-Mument" 4-2-79 sa 17-6-79). U minkejja dak kollu li nkiteb dak inhar, u aktar u aktar matul din is-sena fil-ġurnali lokali u fuq din ir-rivista, Bonnici għadu jsostni li "Cocco Palmeri kien jaf tajjeb li l-kappillan Haber ma kienx Kappillan tal-Qala. Kien kappillan għal dik li kellha tinbena fuq l-għolja ta' Nadur" (Luminarja, Sett.1988, p.10). Din il-fehma żbaljata Bonnici rrepetiha wkoll fl-"Għid ta' l-Assunta" ta' Awissu li għadda (p.3), fejn tenna li "Haber kellu jkun l-aqwa prova biex assolutament ma jista' jkollna l-ebda dubju dwar jekk l-Isqof Cocco Palmeri għamilx lin-Nadur bħala parroċċa u mhux lill-Qala".

Dan kollu hu kompletament żbaljat "ex radice", għaliex il-prova waħdanija ta' fejn saret il-parroċċa u ta' fejn kien kappillan Dun Bernard Haber, qegħda fid-dokument tad-digriet ta' l-Isqof Cocco Palmeri tat-28 ta' April 1688. Kull darba li jikteb fuq Haber, Bonnici qiegħed iwarrab għall-ġenb x'igħid id-digriet biex jibni l-interpretazzjonijiet żbaljati tiegħu fuq il-kitba żbaljata ta' Haber, l-istess kif għamel fl-aħħar "Luminaria" meta bena u serraħ fuq il-kitba żbaljata ta' tliet storiċi ta' l-


Visitatio Parochialis Ecclesiae sub titulo Immaculatae Conceptionis Beatae Mariae Virginis della Cala.

Die vigesima sexta Mensis Octobris 1699. de mane.

Ill.mus et Rev.mus D.nus Frater David Cocco Palmerius Episcopus Melitensis Regiusque Consiliarius continuando S. Visitationem hoc mane associatus a Perill.bus et Rev.mo D.no Canonico Don Antonio Manso [illegible] Vicario Gen.li et Adm. R.o D.no Don Mariano Haxac [illegible] Thesaurario Cathedralis Ecclesiae Melitensis ab aedibus suae residentiae [illegible] discedens se contulit ad visitandum Ecclesiam sub titulo Immaculatae Conceptionis B.M.V. dictae della Cala in qua pro modo exercetur cura Animarum donec erit explata fabrica novae Parochialis sub Invocatione Sanctorum Apostolorum Petri et Pauli in Casali sive Regione Nadur et cum prope [illegible] facta brevi mora in [illegible] dicta Ecclesia et postea assumpta mozzetta supra Rochetum accessit ad ipsam Ecclesiam et ad eius fores fuit more solito per R. Don Bernardu Haber Parochum quem praecedenter sibi ad confines obviam habuerat, exceptus Ante Altare genuflexus paulisper oravit et [illegible] solemni benedictione Populo ad thronum sibi paratum a cornu Evangelij se recepit ac Parochum ad obedientiam admisit Sacris indutus vestibus.

*L-ewwel parti tar-rapport tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof D. Cocco Palmeri lill-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija tal-Qala fis-26 ta' Ottubru 1699.*
*A.A.M. Visit. 26, ff.442-445*

imgħoddi. Bonnici messu jaf aktar minn ħaddieħor li Haber **kien** dak li għamel minnu l-Isqof Cocco Palmeri, mhux hu nnifsu jew ħaddieħor x'qal li kien! U mill-erba' dokumenti veskovili joħroġ ċar li Haber inħatar kappillan tal-Qala. Il-ħatra tiegħu hija ċara daqs il-kristall fid-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa ġdida: **"In parochum et rectorem regionis sive contratae Sanctae Mariae de la Cala sacerdotem D. Bernardum Haber"!** FEJN l-Isqof Cocco Palmeri jsemmi li Haber iħatar kappillan **tan-Nadur?!** FEJN fid-digriet l-Isqof Cocco Palmeri jgħid li Haber ġie maħtur biex ikun kappillan mhux ta' knisja eżistenti fl-1688 (Santa Marija tal-Qala) imma ta' knisja ġdida **li kellha tinbena fuq l-għolja ta' Nadur?!** Biex hekk, il-parroċċa ġdida (skond Bonnici) mhux fl-1688 ġiet imwaqqfa, imma xi tmintax il-sena wara! **Mela** tan-Nadur, skond kliem Bonnici, iċċelebraw it-Triċentinarju kmieni wisq....

Bil-kitba tiegħu fl-aħħar ħarġa ta' l-"Għid ta' l-Assunta" Bonnici poġġa lill-kappillan Haber fuq l-Isqof u fuq l-istess liġi tal-Knisja! Għalhekk, dak li kiteb Bonnici hu tant żbaljat li jammonta għal insult lill-awtorità ta' l-Isqof Cocco Palmeri fl-eżercizzju tad-dmirijiet episkopali tiegħu.

## X'QALU JEW KITBU KAPPILLANI OĦRA

Fl-aħħar ħarġa tal-"Luminaria" Bonnici qal li "kontra dak li kiteb Sultana u jiena nnifsi fis-sena 1975, mhux il-kappillani ta' Għawdex biss sejħu lil Haber kappillan tan-Nadur, imma wkoll l-Isqof innifsu li ħareġ id-digriet tal-parroċċa." Wara li ftaħar li hu jikkoreġi lilu nnifsu meta jkun ċert mill-iżbalji tiegħu, Bonnici mill-ewwel wera'



*Registrazzjoni ta' żwieġ bejn Martino Mifsud "mill-parroċċa tal-Qala" u Natalizia Micallef mill-Għarb, fil-25 ta' Ġunju 1690. (Liber Matrim., Għarb, Vol. 1. p. 269)*

kemm hu onest u sinċier meta qal: "Fil-famuża viżta tas-sena 1698, li saret mill-Vigarju Ġenerali bl-awtorità ta' l-Isqof, **Haber sejjaħ lilu nnifsu** Kappillan tan-Nadur...." Mela, skond Patri Bonnici, Haber kien tassew kappillan tan-Nadur għax (1) hekk għarrfuh il-kappillani ta' Għawdex, (2) hekk għarfu l-Isqof innifsu u (3) hekk sejjaħ lilu nnifsu.Naraw dan kemm hu kliem veru u onest.

Nibdew mill-kappillani ta' Għawdex. Dwar dan Bonnici ftaħar ħafna u faħħar ħafna li Joe Muscat "li għandu l-mertu li sab dokumenti importanti" fir-reġistru taż-żwiġijiet tax-Xewkija (ara "In-Nadur isir Parroċċa fis-Sena 1688", p.21) Għal dan wieġeb tajjeb ħafna l-Arċipriet Dun Anton Sultana meta kixef x'hemm miktub minn Viċi jew Viċendarju li għammed "de licentia parochi Casalis Calae", kif reġistrat fir-reġistru tal-Magħmudijiet li hemm fl-Uffiċċju Parrokkjali tan-Nadur (ara "In-Nazzjon Tagħna" 15/3/88 u "Leħen il-Qala" Awissu 1988, p.27). Dwar din l-iskoperta Bonnici qatt ma qalilna xejn! Għall-isfida ta' l-Arċipriet, Bonnici baqa' ma weġibx! Dak li Muscat sab fir-reġistru tax-Xewkija kien aktar importanti minn dak li hemm imniżżel fl-ewwel reġistru tal-magħmudijiet fin-Nadur stess! Forsi qatt ma fittxew fih jew indunaw bih... imsieken!!!

**Mela llum se nibgħatuhom ifittxu l-Għarb ukoll!** Hemmhekk hemm dokument ieħor "importanti" (skond il-valuri ta' Bonnici!) li jurina fehma oħra ta' kappillan ieħor. F'reġistru taż-żwiġijiet li hemm fl-Uffiċċju Parrokkjali ta' l-Għarb insibu ż-żwieġ ta' ċertu Martinu Mifsud **"mill-parroċċa tal-Qala"** lil Natalizia Micallef mill-parroċċa ta' l-Għarb, fil-25 ta' Ġunju 1690 (Matrim Vol.I, p.269). Jekk Patri Bonnici għandu tant żmien iqalleb fl-arkivji (vantaġġ li l-Arċipriet Sultana qal li m'għandux!), kif qatt ma mar sa l-Għarb jew bagħat lil Joe Muscat jara x'jista' jsib hemmhekk?! Jew inkella, jekk kienu jafu xhemm miktub l-Għarb, għaliex ir-reġistru tax-Xewkija kien aktar importanti minn dak ta' l-Għarb?! Imsieken...!

Hemm iżjed x'jinkixef minn reġistri oħra ta' kappillani Għawdxin. Iżda jien inħobb nibni fuq is-sisien sodi u mmutabbli tad-dokumenti uffiċċjali tat-twaqqif tal-parroċċa mill-Isqof Cocco Palmeri u mhux minn xi kappillan ieħor. Ħadd aktar mill-Isqof Cocco Palmeri ma jista' jgħidilna ta' fejn sar kappillan Dun Bernard Haber, għax **hu biss** kien responsabbli mill-ħatra tiegħu.

Għalhekk niġu għat-tieni supposizzjoni ta' Bonnici. Dak li qal li l-Isqof Cocco Palmeri "innifsu" sejjaħ lil Haber "kappillan tan-Nadur", **għadu mhux ippruvat.** La mid-digriet episkopali oħra sa' l-1699. U dan jistqarru bla ma jinduna Bonnici nnifsu fil-"Luminaria" ta' Settembru li għadda, meta kiteb: "Fil-famuża viżta tas-sena 1698 li saret mill-Vigarju Ġenerali bl-awtorità ta' l-Isqof, **Haber sejjaħ lillu nnifsu** 'Kappillan tan-Nadur'. Jissejjaħ 'Kappillan tan-Nadur' meta jippreżenta r-reġistri parrokkjali u meta jressaq id-dokumenti tiegħu bħala Kappillan (AAM, VP, XXV, f.550 r-v)". Grazzi ħafna, Sur Patri! Bi kliemek stess waqqajt l-asserzjoni tiegħek li l-Isqof Cocco Palmeri **"nnifsu"** sejjaħ lil Haber "kappillan tan-Nadur"! Kif Bonnici iħawwad il-kelma **"innifsu"** ta' l-Isqof ma' ta' Haber, żgur li lanqas **Alla nnifsu** ma jasal biex jifhem...

Ħalli nispjegaw daqsxejn x'ġara tassew fuq ir-reġistri ta' Dun Bernard. F'jum il-viżta ta' l-1698, ir-reġistri tal-kappillan kienu ilhom miktubin u lesti. Haber ħażżiżhom waħdu fil-kwiet ta' kamartu, hemm fid-dar imsejħa "It-Torri" quddiem is-Santwarju tal-Kunċizzjoni fejn kienet saret il-Parroċċa tiegħu, fuq medda ta' disa' snin sħaħ (1689-1698). Fil-viżta ġew ippreżentati għall-eżami, u fl-eżami weħel! Għax b'dak li nkiteb fir-rapport tal-Viżta mill-Vigarju Manso juri ċar kemm Dun Bernard Haber ma kellu l-ebda raġun jew dritt isejjaħ lilu nnifsu "kappillan tan-Nadur"... Dan spjegajtu bid-dettalji kollha fil-ħarġa ta' "Leħen il-Qala" ta' April-Mejju 1988, f'paġna 15, taħt it-titlu "Ir-Raba Dokument". M'għandix għalfejn nirrepetih.

Jekk disa' snin wara, minkejja dak li setgħu kitbu xi kappillani u dak li niżżel il-Kappillan Haber innifsu, il-Vigarju Ġenerali jiddikjara ċar u tond li "kappillan **ta' din il-knisja** (tal-Kunċizzjoni) **tal-Qala** hu Dun Bernard Haber, l-istess wieħed **li kellha meta ġiet imwaqqfa"**.. xi provi aqwa neħtieġu?! Din hi s-sentenza finali bil-kundanna sħiħa bl-ispejjes b'kollox għall-unur ta' Haber, ta' Bonnici, u ta' kull min ipprova jqarraq fl-istorja tal-parroċċa tal-Qala fis-sena 1688.

Il-giddieb għomru qasir! Imma milli jidher id-dinja minn dejjem kienet miżgħuda bihom, anke fi żmienna. Jikkonslana biss il-fatt li ż-żejt dejjem tela' f'wiċċ l-ilma!

## XI KITTIEBA TA' ŻMIENNA

Fl-istess artiklu ta' l-aħħar ħarġa tal-"Luminaria", barra milli pprova jfittex kenn f'kittieba storiċi ta' l-imgħoddi, Patri Bonnici semma wkoll x'kitbu xi "kittieba ta' żmienna". Ipprova jikseb l-appoġġ u r-raġun minn għand Mons. Arthur Bonnici, Mons. Anton Gauci, u Joseph Bezzina. Jekk dawn ħadux gost b'li għamel, ma nafx. Jekk jiddispjaċihomx milli setgħu kitbu fil-kwotazzjonijiet li xandrilhom Bonnici, lanqas naf. Dak li naf hu fatt wieħed: Iż-żewġ dokumenti tat-28 ta' April 1688 huma ta'

valur storiku ferm aqwa minn kull interpretazzjoni ta' kittieba storiċi, antiki jew moderni. U min irid ixandar **il-verità kollha u sħiħa,** m'għandux għalfejn joqgħod jinqeda' b'kittieba oħra biex igħawweġ il-fatti dokumentati mill-Isqof Cocco Palmeri u n-Nutar Dorbes fl-1688. Inkiteb x'inkiteb, il-valur taż-żewġ dokumenti jibqa' dak li kien u l-verità ma jista'jibdilha jew iħassarha ħadd.

Kittieb ieħor li ssemma' minn Bonnici fl-aħħar "Luminaria" kien Joe M. Attard, ġurnalista Għawdxi. Il-patri ħa gost u feraħ ħafna għaliex dan ir-"reporter" (mhux studjuż ta' l-istorja bħall-oħrajn li semmejna fuq) naqas li jsemmi fil-"Mument" (14-8-88) l-aħħar żewġ artikli tiegħi u ta' l-Arċipriet Sultana li dehru fl-aħħar ħarġa ta' "Leħen il-Qala". Ara daqsxejn f'liema konsolazzjonijiet qed isib ftit mistriħ Patri Bonnici! Anke rapport mhux komplet fuq ġurnal huwa balzmu għal qalbu f'din il-kontroversja! Veru ma baqgħalux aktar x'isalvalu wiċċu u x'iferraħlu qalbu fil-battalja li tilef minħabba dak li ħawwad favur in-Nadur. Jekk Joe M. Attard ried joqgħod **"on the fence"** billi ma jsemmi xejn dwar il-kitbiet tiegħi u ta' l-Arċipriet Sultana, dan għamlu biex la jidher sabiħ u lanqas ikraħ, la ma naħa u lanqas ma' l-oħra. Imma Patri Bonnici malajr dawwar in-newtralità ta' Attard għal xawwatu! Bħal ma pprova jagħmel ukoll kapital mill-posiżżjoni li ħadu taż-Żebbuġ, ta' Sannat, u tax-Xagħra fiċ-ċelebrazzjonijiet triċentinarji li għamlu! Imma Bonnici ma jafx b'kollox... lanqas bl-istediniet li l-Arċipriet Sultana ma kellux pjaċir jaċċetta!

Nieqaf hawn. Anke jekk il-kitba nsolenti ta' Bonnici dwar "il-ġenju ta' Anton Buttigieg u l-iben kulturali tiegħu Anton Sultana" (Luminaria, Sett,'88, p.11) titlob li ssir ġustizzja minn min tassew ipprova "jgħawweġ il-verità b'għajnejh miftuħa"! Bl-akkużi nsolenti tiegħu aktar milli b'argumenti storiċi sodi u konvinċenti, Bonnici ma jikkonvinċi lil ħadd ħlief lill-injoranti. Anzi, aktar qed ikompli jgħarraq lilu nnifsu! Ġa' tilef ħafna mill-kredibilità li kellu! Issa qed jitlef unuru.

Għall-aħjar

RITRATTI

u

VIDEO

FIT-TIEĠIJIET

ASSOCIATED PHOTOGRAPHERS INTERNATIONAL api Member

ALVIN E. SCICLUNA

By the Bastion Road,
Victoria, Gozo.

Tel: 551936

IL-KENUR

IL-KENUR

- Genuine Home Made Food
- Continental and Local Dishes
- Well Stocked Bar
- Personal Service

Il-Kenur offers you a choice of good food at reasonable prices.

BAR & RESTAURANT
XLENDI ROAD, GOZO, MALTA.
TEL: 551583

Flats to Let

Ibgħat LEĦEN IL-QALA
lil niesek imsiefrin